# SANTA MARIJA TA' ĊENSU APAP FIL-MOSTA

*Manwel D. Schembri*

Meta, fit-tieba u l-paċenzja tiegħu, iltaqa' miegħi s-Segretarju tal-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, is-Sur Salvu Dimech, u kellimni dwar xi kitba għal din il-pubbblikazzjoni ta' kull sena, b'entużjażmu li jdakkrek issuġġerieli li nkellem lill-iskultur Malti Ċensu Apap, li kien sawwar, tista' tgħid mill-ġdid, l-istatwa ta' Salvu Dimech "is-Sartx" biex tana lil Santa Marija li għandna llum.

Mill-ewwel nistqarr li l-idea għoġbitni wisq biex inwarrabha. Ħammimt ħafna dwarha u wara ħafna ċempilt lill-iskultur Apap li għandu għadd ta' skulturi fil-Mosta, prinċipalment fil-knisja.

Ċensu Apap, b'ġentilezza, ġenwinità u ġenerożità kbira laqagħni f'daru nhar is-26 ta' Mejju ta' din is-sena. Huwa bniedem ta' kultura wiesgħa, b'għajnejn jixegħlu u b'xagħar abjad qotna. Kellimni fuq kollox, b'entużjażmu t'artist żagħżugħ f'qalbu, b'ruħ għatxana li tesprimi fil-bronż dak li hemm iħeġġeġ fiha.

Tħadditna fuq ix-xogħol li għamel fil-Mosta, fuq l-anġli mal-pulptu, fuq l-anġli tal-kor, fuq il-fontijiet ta' l-ilma mbierek, fuq abbozz t'anġlu kbir b'ħawt ta' l-ilma mbierek li kien ħejja flok il-puttini u l-ħawt li hemm illum kif tidħol mill-bieb tan-nofs tar-Rotunda. "Min jaf x'sar minn dak



*San Raphael u San Sealtiel, tnejn mill-Arkanġli li jinsabu fil-Kor tal-knisja tal-Mosta.*



*Santa Marija ta' fuq iz-zuntier tar-Rotunda, maħduma fil-konkrit.*

l-anġlu kbir?" qalli b'ħerqa b'għajnejh f'għajnejja.

Meta staqsejtu liema hu x-xogħol l-aktar għal qalbu qalli li mhux faċli għalih li jislet wieħed minn ieħor għalkemm jien deherli li jidher li għandu ġibda speċjali lejn Santa Marija tal-konkrit li għandu fuq iz-zuntier tagħna. "Dnub qed titfarrak!" qalli.

U ġejna għall-istatwa titulari, Santa Marija. Staqsejtu x'ikkonvinċieh jeqred statwa biex jagħmel oħra. Qalli li d-diriġenti tal-Mosta kienu konvinti li għandu jkun hemm Santa Marija waħda biss! Il-ġdida kellha teqred lill-qadima. Ma kellux għażla oħra. Li kien għalih, qalli Apap, kien jagħmel waħda mill-ġdid. Iżda d-deċiżjoni ma tħallietx f'idejh. "Beżgħu li jinbtu l-partiti!" qalli minn taħt l-ilsien.

B'entużjażmu beda jaħdem fuq abbozz kbir ta' Santa Marija. Inħadem f'remissa qrib San Ġużepp fi Triq il-Kbira, u llum dan l-abbozz jinsab kkonservat tajjeb u espost fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, grazzi għal Dun Anġ Camilleri, li ħeles tant ħwejjeġ prestiġjużi mill-qerda ta' min qajla jifhem. L-abbozz ingħoġob u qalulu jibda fuq l-istatwa tas-Sartx.

L-iskultur Apap qalli ħadulu lil Santa Marija tagħna waħedha, mingħajr anġli. Qalli li kellha l-mant fuq wara mifrud minn ma' l-istatwa, jiġifieri kien hemm vojt bejn il-parti prinċipali u l-mant li kien jinżel sa l-art warajha. Qalli li kien hemm biċċa ħadida ċatta angolata (pjanċa) li kienet qiegħda biex propju tgħaqqad (bla ma tkun tidher) il-mant mal-kumplament ta' l-istatwa fuq in-naħa ta' wara. Minn dan il-mant l-iskultur Apap neħħa wkoll kwantità kbira

ta' msiemer "ta' Malta", kwadri u twal. Ta' min iżid hawn li l-pjanċa ċatta tal-ħadid li semmejna diġà, kienet invitata b'vit "magħmul bl-idejn".

Meta ġie biex jibda x-xogħol fuq l-istatwa ta' Dimech, l-ewwel ma għamel Apap kien li sserralha rasha, kif ukoll iż-żewġ idejn. Mill-mant neħħa l-ġnieb mill-irkobbtejn 'l isfel tal-figura ta' Marija.

Nistgħu ngħidu li minn dak li ħareġ minn idejn Salvu Dimech "is-Sartx", illum fadlilna biss mis-sider sa kważi l-irkobbtejn tal-figura.

Apap qalli li ħa ħsieb li mir-ras li kien isserra joħroġ wiċċ aktar żagħżugħ. Meta din ir-ras, maħduma mill-ġdid minn Apap, twaħħlet għal darb'oħra ma' l-istatwa, din issa ntefgħet kemmxejn aktar lura biex il-ħarsa tkun aktar 'il fuq. Il-wiċċ ġie mpitter minn ħuh Willie. L-idejn maħdumin mill-ġdid minn Apap ittellgħu 'l fuq ukoll. Ir-riġel tax-xellug twal iżjed. Illum il-wiċċ tas-sieq il-leminija ta' Marija jidher kważi kollu. Marija ma baqgħetx aktar bilwieqfa, jew miexja b'riġlejha jistrieħu fuq is-sħaba iżda issa ddaħħlet ġos-sħaba b'mod li llum tidher tielgħa minn fuq is-sħaba. Anke s-sħaba ċċekknet u mis-sħaba ta' Dimech, taħt ir-riġel xellugi tal-Madonna, Apap naqqax ġmiel ta' anġlu ċkejken iħares b'għożża lejn dan il-misteru ta' l-Assunzjoni. Is-sħaba wkoll naqset fid-dimensjoni biex b'hekk flok tagħti l-impressjoni li ssammar lill-figura magħha, issa qed isservi biss bħala l-aħħar kuntatt mad-dinja qrib ħafna tal-mument tat-tluq minnha.

Apap kellimni wkoll dwar dak il-farrett twil li jibda minn fuq sider l-istatwa u jasal sa kważi wiċċ riġlejha. Min jifli l-istatwa llum dan għadu jarah. Apap kien imlieh tajjeb b'injam addattat u hekk reġa' sar meta ġiet reċentement indurata u sgraffita mill-ġdid ftit tas-snin ilu. Dan, kif qalli Apap stess, juri kemm iz-zokk, avolja llum għandu mal-mitt sena, għadu ħaj u għalhekk hu jagħmel moviment.

L-anġli, wieħed kull naħa ta' Marija, huma għal kollox ħolqien ta' Apap. Dawn ġew maħdumin "b'mod preċiż", qalli Apap, fl-injam, mill-aħwa Buhagiar. Apap kien ħadimhom fil-ġibs. L-istess Apap kien għamel id-disinn ta' l-isgraffit tad-deheb li jżejjen il-libsa twila li tħaddan il-figura twila u misluta tal-Madonna kif ukoll il-mant kaħlani tagħha. Ma kienx bħal dak ta' llum ibbażat fuq sistema ta' ružuni wieħed wieħed, iżda kien disinn kontinwu li jgħaddi f'passaġġ imtajjar u ħieles minn isfel għal fuq bil-ġilju jgħum fl-ikħal jiġbed l-attenzjoni ewlenija.



*Santa Marija, l-istatwa titulari tal-parroċċa tal-Mosta.*
*Jidher id-disinn ta' l-isgraffit kif ħażżu l-iskultur Ċensu Apap.*

Staqsejtu kemm hi għal qalbu l-arti sagra u Apap stqarr b'wiċċu minn quddiem li huwa bniedem li jemmen. "Kif jista' bniedem bla konvinzjoni jikkonvinċi bl-arti tiegħu? Is-sagru f'idejn min ma jemminx qisu frotta nejja. Min mhux reliġjuż ma jasalx għall-arti sagra," qalli l-iskultur b'għajnejh ileħħu!

Kellimni dwar anġlu sabiħ li għandu fuq wieħed mill-oqbra fiċ-ċimiterju tagħna, anġlu awster, sogħbien, serju u dinjituż. Qalli b'Santa Marija oħra kopja ta' dik titulari tal-Mosta li ħadem għas-Sur Vassallo, is-Sindku tal-Mosta. Tħadditna dwar il-fontana tat-Tritoni, dwar il-Kristu li ma sallabx fil-Fgura, dwar Boffa u Borg Olivier quddiem Kastilja u fuq Churchill.

Urieni Lazzru, tassew mistiku, xogħol reċenti tiegħu. Ma xtaqtx nitlaq! Iżda ż-żmien kattiv! U kelli nsellimlu bil-qalb, iżżejtu ħajr u wrejtu t-tama li nerġa' narah!

U meta nara lil Santa Marija ħierġa, taħt il-portiku maestuż b'dawk il-kolonni joniċi ma' nżul ix-xemx kull ħmistax ta' Awissu, qalbi, għax Mosti, għadha tħabbat tgħaġġel. U ma' qalb kull Mosti bħali, naħseb li hemm ukoll dik ta' Ċensu Apap. Illum, wara li kellimtu, nista' nifhem xi ftit għaliex!


*Għal kull kwalità ta'*

**RHAM - GRANIT - MADUM**
**MARMORESINA u CERAMICA**

*Irrikorru:*

**FRANCESCO FENECH**
**MOSTA**